# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Ħamis, 30 ta' Mejju, 2024

**Numru 4**

**Rikors Numru 136/24 TA**

**Baketech Supplies & Services Ltd [C-26797]**

**vs**

**Sandro Vella [K.I. 217679M]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Baketech Supplies & Services Ltd (is-Soċjeta' Attriċi) tat-8 ta' Frar 2024 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. "Illi ghal diversi snin, l-intimat kien jixtri u jikri minghand il-kumpanija rikorrenti numru ta' makkinarju u oggetti sabiex juzahom fin-negozju tieghu;

2. Illi mas-snin, l-intimat baqa' inadempjenti f'numru ta' pagamenti b'dan li sas-16 ta' Novembru 2022 kien baqaghlu bilanc ta' €92,000;

3. Illi dakinhar tas-16 ta' Novembru 2022, il-partijiet qablu li jidhlu fi skrittura privata fejn l-intimat kkostitwixxa ruhu bhala debitur fil-kontront tal-kumpanija rikorrenti versu l-ammont ta' €92,000 (ara skrittura annessa u mmarkata '**DOK A-001**');

4. Illi skond l-imsemmija skrittura, l-intimat kien intrabat li jhallas is-somma dovuta lill-kumpanija rikorrenti permezz ta' pagamenti mensili konsekuttivi ta' €1,000, bl-ewwel pagament li kellu jsir fil-15 ta' Dicembru 2022;

5. Illi madanakollu, l-intimat kien dejjem tard u sporadiku fil-pagamenti tieghu u zamm ruhu inadempjenti ta’ numru ta’ pagamenti;

6. Illi Klawzola 3 tal-iskrittura tas-16 ta’ Novembru 2022 tipprovdi kif gej:

   *Illi jekk [l-intimat] ikun inadempjenti u ma jhallasx il-pagamenti rateali fil-hin skond kif imfisser fil-klawzola [2] anke wara illi kun ircieva email jew messagg (SMS jew WhatsApp) minghand l-Ewwel Parti sabiex jirrimedja tali ksur fi zmien erbat ijiem mill-hrug tal-email jew messagg skont il-kaz, huwa jitlef awtomatikament il-beneficcju taz-zmien u kwalunkwe bilanc illi jkun ghadu dovut jigi dovut minnufih immedjatament fl-intier tieghu bl-imghax ikkalkolat bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) mid-data ta’ din l-iskrittura fuq is-Somma Dovuta jew bilanc tal-istess skond il-kaz*;

7. Illi minkejja d-diversi interpellazzjonijiet maghmula mill-kumpanija rikorrenti, inkluza dik l-intimazzjoni tal-31 ta’ Jannar 2024 li saret skond il-Klawzola 3 tal-iskrittura (ara dokument anness u mmarkata ‘**DOK A-002**’), l-intimat baqa’ inadempjenti;

8. Illi ghalhekk, ai termini tal-istess klawzola, l-intimat tilef awtomatikament il-beneficcju taz-zmien u l-bilanc shih dovut gie issa dovut minnufih immedjatament fl-intier tieghu bl-imghax skond l-istess skrittura;

9. Illi l-ammont intier dovut mill-intimat fid-data tal-prezentata tar-rikors odjern huwa ta’ wiehed u tmenin elf tliet mija u ghoxrin Ewro (€81,320) (ara prospett anness u mmarkat ‘**DOK A-003**’).

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, il-kumpanija rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tal-kumpanija rikorrenti fl-ammont ta’ wiehed u tmenin elf tliet mija u ghoxrin Ewro (€81,320) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta’ dejn dovut mill-intimat ai termini tal-iskrittura privata tas-16 ta’ Novembru 2022 li baqa’ mhux imhallas;

2. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas l-ammont premess lill-kumpanija rikorrenti.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-rikors odjern, u bl-imghax ta’ tmienja fil-mija (8%) skond l-iskrittura.

L-intimat huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni tieghu.”

Rat li Sandro Vella (il-konvenut) notifikat bl-atti kif trid il-liġi baqa' ma għamel ebda risposta.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-konvenut deher fis-seduta tal-11 ta' April 2024 u wara li din il-Qorti spjegatlu x' inhuma d-drittijiet tiegħu għazel li jiddikjara li qed jammetti l-Kawża.

L-avukat tas-Soċjeta' Attriċi iddikjara ukoll li jekk il-Qorti ser tgħaddi għas-Sentenza, l-ispejjes jistgħu jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti għalhekk ma għandha ebda triq oħra ħlief li tilqa' t-talbiet tas-Soċjeta' Attriċi.  Kif inhu premess l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu mid-data tal-iskrittura datata 16 ta' Novembru 2022 (a' fol 6).

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi.

**Tilqa' t-tieni talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-Soċjeta' Attriċi l-ammont ta' wieħed u tmenin elf tlett mija u għoxrin ewro (€81,320) bl-imgħaxijiet legali mis-15 ta' Novembru 2022.

Spejjes jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**